# KLIEM MEHUD B'IEHOR FL-EVANĠELJU

Daż-żmien hawn raxxa ġmielha ta' Maltin li marru l-Palestina u raw lil Ġerusalem. U billi kull min ikûn Ġerusalem, ma jibqâx ma jżurx żjâra lil dik il-ġmiel ta' knisja tal-Misilmîn, li l-Ewropîn isibuha bl-isem tal-Moskija ta' Għômar, nisthajjel li hawn erba' Maltin sewwa li jafu dik il-Moskija kif inhi.

Dan għedtu għax jien il-Kotba tal-Evanġelju narahom jixbhu lil dik il-Moskija. Għall-ewwel li tidħol fîha, târa ħafna dlâm; imbagħad tibda târa ma' dwarek tikek imżewqa: ħomor u ħodor; sofor u koħol, imqassmîn sabîħ, li huma mużajk tażżġieġ tat-twieqi tal-Moskija. Imbagħad, aktar ma għajnejk jidraw, aktar tibda târa sewwa: kolonni tarrhâm, arki, linfi tal-kristall imdendlin, mużajk tad-deheb fil-ħitân u s-saqaf, u x'naf jien. Hekk ukoll huma l-Kotba tal-Evanġelju. Għall-ewwel li taqrahom, taħsibhom kotba bħall-oħrajn; imma meta tidrahom, tibda târa fihom irqaqât u ħwejjeġ tal-għaġeb, li qatt qabel ma kont tobsor bihom.

Bħal ma ġie li ssemma f'dan il-Qari (1), Ġesù ma kienx jitħaddet bil-Grieg jew bil-Latin (2), imma bl-Arâmi, ilsien li jixbah ġmielu lil Malti li nitkellmuh hawnekk. U l-ewwel Evanġelju nkiteb bl-Arâmi, imbagħad qalbuh bil-Grieg. Imma donnhom li huma u jaqalbu mill-Arâmi għal Grieg, kemm il-darba ħadu kelma b'oħra, u qalbuha ħażin. **Mela, hawn sa naraw insibûx xi żewġ kelmiet minn dawna, u naraw ukoll insibûx, fil-bidu, kif kienu miktûba sew.**

L-ewwel kelma li sa niflu, ma hix kelma ta' Ġesù, imma ta' san Ġwann il-Għammiedi. Miktub fl-Evanġelju (Matt. III, 7 u Luqa III, 7) li san Ġwann qal lil xi nies: "Ja wlied il-lifgħa, *min uriekom* taħarbu mill-qilla li ġejja? Agħmlu, mela, egħmîl xieraq, tat-tewba!"

Hawnekk, jekk toqgħod taħseb ftît târa li aktarx hawn kelma miktuba ħażîn. Dil-kelma hija "min uriekom", kif sa nfissru hawnekk. Nisthajjlu li jien qiegħed naħdem ma' wieħed sîd: u dan, darba, meta jidħol id-dâr, jâra bieb miftûħ, u jgħidli: "*Min qallek* tiftaħ dak il-bieb?" Dal-kliem ikun ifisser li das-sîd ma kienx iridni niftaħ dak il-bieb, u jien ftaħtu minn rajja, mingħajr ma qalli, u kontra x-xewqa tiegħu. Hekk ukoll jiġi, li, kieku dawk il-kelmiet qalhom san Ġwann tassewwa, huwa *ma riedx* li dawk innies jagħmlu tewba ta' dnubiethom. Imma dan ma jistax ikûn, għax san Ġwann għal hekk kien ħareġ ixandar it-tewba, u jgħammed in-nies, biex in-nies ibiddlu ħajjithom u l-qilla t'Alla ma taqax fuqhom u jaħbtu ħażîn.

Mela: kif aktarx kienet il-kelma li ħarġet minn fomm san Ġwann?

"Min uriekom", bl-Arâmi, hija: "Man aħża lekom", imma hemm kelma oħra tixbah lil din fil-ħoss, u aktarx li lilha qal san Ġwann, u mbagħad kitbuha ħażîn. Il-kelma l-oħra hija: "Ma aħsan lekom", jiġifieri: *Kemm hu aħjar għalikom.* Mela aktarx li san Ġwann lil dawka qalilhom hekk: "Ja wlied il-lifgħa, *kemm hu aħjâr għalikom* li taħarbu mill-qilla li ġejja! Mela agħmlu egħmîl li jistħoqq it-tewba". Hekk qegħda tajjeb ħafna u ma fiha tfixkil ta' xejn.

San Mattew, l-Evanġelju tiegħu messu kemm il-naħa (3), imma għan-

dna għax niżżuħ ħajr għal wisq ħwejjeġ, l-aktar fosthom għax hu waħdu kiteb fit-tul, il-Priedka l-Kbîra (V, VI, u VII) ta' fuq il-Għolja, u t-tgħajjira li Ġesù għajjar lil Kittieba u l-Faresîn, ġewwa t-Tempju, nhar it-Tlieta ta' qabel il-Għid, wara nofs inhar (Matt. k. XXIII kollu).

Għal kemm xi kittieba għorrief ta' daż-żmien jgħîdu li l-Evanġelji nkitbu mwaħħar, jien, ngħid għalija, għadni tal-fehma li wisq minn kliem Ġesù li hemm fl-Evanġelji, nkiteb fuq il-post, dak il-ħîn li qâlu, mill-Kittieba tal-Faresîn (4), li ġew il-Galilija minn Ġerusalem għal bil-għan (Mark, III, 22). Wara l-mewt ta' Ġesù, wisq minn dawna u mill-qassisin emmnu fih (Atti, VI, 7), u l-kopja tal-kliem tiegħu li kellhom, ġebûha magħhom għand l-Appostli, u minnhom sâru dawk il-famużi "Logia" (5), li għenu ħafna biex inkitbu minnhom l-Evanġelji, u li daqqiet jnsab xi frâk tagħhom 'l hawn u 'l hemm.

Fil-Priedka l-Kbîra ta' fuq il-Għolja li semmejt moqbejl, hemm miktub (Matt. V, 29), li Ġesù qal: "Jekk għajnejk għaddbitek, *aqlagħha minnek*! Tajjeb għalik li jitlef sehem wieħed minn ġismek, milli ġismek kollu jixteħet fin-nar!" Din ukoll aktarx li Ġesù m'hux hekk qalha sewwa. Għax jekk kull sehem minn ġisimna li jiġbidna għad-dnûb, neqerduh, x'jibqa' fina? Naqilgħu għajnna l-waħda, mbagħad naqilgħu l-oħra. Naqtgħu idna l-waħda, u wara naqtgħu l-oħra. Naqtgħu sieqna l-waħda (ara Mark, IX, 44) naqtgħu l-oħra, u hekk niġu qisna romblu, għomja, u bla jdejn u bla saqajn! Imma jekk inbiddlu naqra l-kelma "minnek", dan kollu jdûb u jisfa, u jiġi kollox sew.

Ġesù aktarx li ma qalx "minnek", imma "minn hinêk", jiġifieri: *minn hemmekk*. "Aqla' għajnek *minn hinêk*," jiġifieri: *la tibqâx tħares lejn dik il-ħaġa li sa twaqqgħek fid-dnub*. Aħna bil-Malti, ma ngħidux ukoll: "Dak ġmiel ta' nkwatru! Ma stajtx *naqla' għajnejja* minnu!" Mela aktarx li kliem Ġesù kien dan: "Jekk għajnek għażżbitek, *aqlagħha minn hemmek*! Jaqbillek li tinki sehem wieħed minn ġismek, inkella ġismek kollu jixgħel bin-nar tad-dnub!" (6).

Fl-Evanġelju ta' san Luqa (X, 1), miktub li Ġesù bagħat *sebgħîn* mill-ixirka tiegħu, tnejn-tnejn, quddiemu, f'kull belt jew raħal li kien sejjer huwa. Dawn is-*sebgħîn* xrik ma huma msemmijin imkien ħlief hawn; u la fl-Evanġelji l-oħra anqas fl-Atti. Din ukoll aktarx (jien ngħid għalija nħossni ċert) li hi kelma meħuda b'oħra, kif sa naraw malajr.

Meta Ġesù fehem li l-Awtorità tat-Tempju ta' Ġerusalem kienu sa jeħduh fuq demm id-dars, ħaseb li jibda jħarreġ lill-Appostli biex jibqgħu sejrin bix-xogħol tat-tħabbîr huma, wara li jmût hu (ara Matt. X, kollu u l-bidu tal-XI). Għal hekk bagħathom ixandru l-Kelma t'Alla weħedhom, tnejn-tnejn; u biex ma jibżgħux, qalilhom li hu kien ġej warajhom, biex jekk isibu ruħhom f'xi xkiel, jeħlishom minnu malajr. Issa, min imûr quddiem ħadd ieħor, bil-Palestini jgħidulu: "Sêbeq" (7), jiġifieri: *Prekursur*. Għal hekk l-Appostli, f'dik il-biċċa xogħol, kienu "Sêbqin" ta' Ġesù, għax kienu marru quddiemu. Fl-oriġinal Arâmi, mela, aktarx li kien hemm miktub: "Wa resel amâmu "sêbqîn" (li bil-Latin kieku tiġi: *Et misit ante eum praecursores*) imma xi ħadd li kien jikkopja, qara ħażîn, u kiteb: "Wa resel amâmu *sebgħîn*", jiġifieri l-"q"

kitibha "għ". San Luqa sabha miktuba hekk, u kif qara kiteb (ara Luqa, X, 1 u 17), għax hu ma kienx ma' Ġesù u ma kienx ra b'għajnejh.

BEN-JEĦUZA.

*(Baqa' għal darba oħra)*

---

(1) Ara l-ħarġiet: April-Ġunju 1956, ff. 32 u 49; April-Ġunju, 1957, f. 46; u Lulju-Settembru, 1958, f. 70.

(2) Billi l-qassisin fil-priedki t-test li jkunu għażlu jgħiduh bil-Latin, li kemm il-darba jkun kliem Ġesù (bħal fil-priedka tat-Tliet Siegħat, meta l-knejjes ikunu mimlija bin-nies, il-kotra minnhom ta' ftit jew xejn skola), hawn ħafna min jaħseb li Ġesù kien jitkellem bil-Latin. *Għandhom ikunu jafu li dan m'hux minnu.* Il-predikatur ikun jgħid il-kliem kif qrah hu bil-Latin, f'dik il-Bibbja li jgħidulha "Vulgata". Ġesù kien jitkellem bl-Arâmi, u ebda wieħed mill-Kotba Mqaddsa ma' kien fl-oriġinal tiegħu miktub bil-Latin.

(3) Biex tara, qabbel l-Evanġelju tiegħu maż-żewġ Sinottki l-oħra. San Mattew għandu li jħobb irattab il-kliem fejn jarah jiebes. Bħalli kieku: san Luqa kiteb (XIV 26) li Ġesù qal darba: "Jekk xi ħadd jiġi wrajja u ma jobgħodx il missieru u 'l ommu, lil martu u 'l uliedu, u lil ħutu, u saħansitra lil ħajtu wkoll, ma jistax ikun xrik tiegħi." U san Mattew, dal-kliem innifsu kitbu hekk (X, 37): "Min iħobb lil missieru u 'l ommu aktar milli jħobb lili, ma jistħoqqlux li jkun xrik tiegħi; U min iħobb lill-ibnu jew bintu aktar milli jħobb lili, ma jistħoqqlux li jkun xrik tiegħi". U, waħda oħra: san Mark kiteb (IV, 38) li waqt li Ġesù kien rieqed fid-dgħajsa bil-lejl, u l-baħar qam, u l-ilma beda dieħel fid-dgħajsa li kienu sa jegħerqu. l-Appostli sembħuh u qalulu: "Mgħallem, xejn ma jhimmek (jimportak) li sa negħerqu?" San Mattew kitibha wkoll dil-ġrajja, imma kliem l-Appostli rattbu ftit, u qal li qalulu lil Ġesù: "Mulej, ħarisna, għax sa nintilfu!" Hemm għażla bejn il-waħda u l-oħra; ta' san Mark *lewma,* u ta' san Mattew, *talba.*

(4) Fit-test Grieg tal-Evanġelju ta' san Mark, miktub (II, 16) li dawk li tkażaw b'Ġesù għax qagħad jiekol mal-midinbin, kienu Kittieba TAL-Faresin (grammateis TWN Farisaiwn). Imma fit-test Latin miktub li kienu Kittieba U Faresin. Aktarx li t-test Grieg hu qrib is-sewwa; il-Faresin, li fi ħsiebhom kien il-ħarsien tal-Liġi, kienu bagħtu minn Ġerusalem il-Kittieba tagħhom biex jisimgħu lil Ġesù u jiktbu x'inhu jgħid, *wara li mar it-Tempju l-Imġiddem il-misfi* (Matt, VII, 1-4; Mark, I, 40-45; Luqa V, 12-16) u semgħu minn għandu b'tagħlimu u egħmilu.

(5) Fil-ktieb imsemmi: "The Sacred Languages", tal-"Faith and Facts Books", fin-nota, faċċata 95, hemm miktub hekk: *A tradition for which the oldest witness is Papias in the second century, presumes that there was a collection of Logia, or Sayings, made by the Apostle Matthew in the Hebrew tongue, that is Aramaic; these Logia, very likely linked with narrative, would have constituted the principal source of the Greek Gospel according to Matthew.*

(6) Vers 30 hu xorta waħda bħal vers 29. Il-għażla li hemm bejniethom hi li f'tal-ewwel tissemma l-għajn, u f'tattieni, l-id. Billi fil-Palestini dawn iż-żewġ kelmiet jixbħu lil xulxin fil-ħoss, il-waħda "għînek" (m'hux: *għAJnek,* bħal bil-Malti) u l-oħra "îdek", li min jismagħhom mill-bgħid jista' jitfixkilhom, donnu jagħtik taħseb li Ġesù waħda qal. Imma billi xi kopista kellu żewġ kopji fuq iex jara, u f'waħda kien hemm miktub hekk u fl-oħra hekk, biex ikun fuq ir-riħ, kitibhom it-tnejn.

(7) Bil-Malti wkoll għandna l-verb *Sebaq, jisboq,* li jfisser: *jiġi qabel.* Iż-żiemel li jieħu l-ewwel fil-ġiri, ikun *sebaq* liż--żwiemel l-oħra kollha.

---

# QWIEL TAL-PALESTINA

*Id-daħk bala sabab, menn qillet il-qadab.* Id-daħk bla ma jkun hemm għal fejn, jiġi min-nuqqas ta' mġieba tajba. Dal qawl hu ċar wisq u ma jeħtieġ tifsir.

*Is-sukkân qabl el-makân u l-ġâr qabl ed-dâr.* Ara x'ijroddu n-nies tal-ħâra qabel ma tmur toqgħod fiha, u ara x'inhuma l-ġirien qabel ma tikri d-dar.